

Brussell, 21 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15733/23

DEVGEN 215
RELEX 1359
GENDER 208
FIN 1196

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	21 ta' Novembru 2023
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 15131/23	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 21/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri rigward l-Inizjattiva Spotlight biex tintemm il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet - Konklużjonijiet tal-Kunsill (21 ta' Novembru 2023)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 21/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-Inizjattiva Spotlight biex tintemm il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet, kif approvati mill-Kunsill fit-3985 laqgħa tiegħu li saret fil-21 ta' Novembru 2023.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 21/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri rigward l-Inizjattiva Spotlight biex tintemm il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet

1. Il-Kunsill jilqa' tajjeb il-pubblikazzjoni tar-Rapport Speċjali Nru 21/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri rigward l-Inizjattiva Spotlight biex tintemm il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet u jieħu nota tajba tal-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fih. Il-Kunsill jisħaq fuq l-importanza ta' multilateraliżmu effettiv u jibqa' impenjat li jsaħħaħ l-UE bħala attur ewlieni fil-ġlieda kontra l-forom kollha ta' vjolenza sesswali u dik abbażi tal-ġeneru globalment.
2. Il-Kunsill jenfasizza li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem kollha min-nisa u l-bniet — kif ukoll it-tisħiħ tal-pożizzjoni tagħhom — huma fil-qalba tal-valuri Ewropej u huma minquxa fil-qafas legali u politiku tal-UE; u jfakkar fl-impenn kollettiv fil-kunsens Ewropew dwar l-iżvilupp biex jiġu promossi b'mod vigoruż il-protezzjoni u t-twettiq tad-drittijiet tan-nisa u l-bniet bħala prijetà fl-oqsma kollha ta' azzjoni.
3. Il-Kunsill japprezza l-ħidma tal-Qorti fuq it-tfassil ta' sejbiet, b'mod partikolari li l-inizjattiva stabbiliet objettivi rilevanti, kisbet riżultati, u kienet ta' benefiċċju għan-nisa u l-bniet, inkluż f'sitwazzjonijiet mhux previsti bħall-pandemija tal-COVID-19. Il-Kunsill jenfasizza wkoll is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet relatati maż-żieda fl-effiċjenza, l-effettività u l-impatt tal-Inizjattiva Spotlight.
4. Barra minn hekk, il-Kunsill jieħu nota tat-tweġibiet mis-servizzi tal-Kummissjoni u s-SEAE meħmuża mar-Rapport Speċjali u jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni aċċettat ir-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Qorti, b'eċċezzjoni parzjali waħda, u li diġà indirizzat ħafna minnhom, inkluż billi ssimplifikat il-mudell Spotlight u tejbiet il-flessibbiltà u l-adattabbiltà tal-Inizjattiva għall-kuntesti lokali.

5. Il-Kunsill jaqbel mal-osservazzjoni tal-Qorti li l-ħolqien ta' bidla dejjiema madwar id-dinja dwar kwistjoni kumplessa jeħtieġ azzjonijiet fit-tul u riżorsi addizzjonali, u jirrikonoxxi l-impenn tal-Kummissjoni li tkompli tappoġġa l-Inizjattiva Spotlight. Barra minn hekk, il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon l-għażla tan-Nazzjonijiet Uniti tal-Inizjattiva Spotlight bħala Inizjattiva ta' Impatt Għoli ppreżentata fis-Summit dwar l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fis-17 ta' Settembru 2023, li tenfasizza n-natura trażversali tagħha fl-indirizzar ta' diversi Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.
6. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli u lill-Istati Membri biex ikomplu bl-isforzi tagħhom biex jiżguraw is-sostenibbiltà u l-impatt fit-tul tal-azzjonijiet implimentati biex tintemm il-vjolenza sesswali u dik abbażi tal-ġeneru b'approċċ komprensiv u min-naħa tas-soċjetà kollha, inkluż permezz tal-Inizjattiva Spotlight u f'konformità mal-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa u r-Riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà, u riżoluzzjonijiet sussegwenti, magħrufa b'mod komuni bħala l-aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà. Għal dan l-għan, il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza li jiġu żgurati finanzjament adegwat, koerenza fost l-inizjattivi tal-UE u rispons tal-pajjiżi kkoordinat tajjeb u speċifiku għall-kuntest permezz ta' approċċ ta' Tim Ewropa li jiżgura l-kosteffettività u l-effiċjenza, fi djalogu mal-pajjiżi sħab, il-komunitajiet lokali u s-soċjetà ċivili. Barra minn hekk, il-Kunsill jappella għal sforzi msaħħa biex tiġi appoġġata s-sejħa tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fis-Summit dwar l-SDGs biex jiġu attirati donaturi oħra u biex tiġi promossa l-mobilizzazzjoni ta' riżorsi domestiċi f'pajjiżi sħab biex jintemmu l-forom kollha ta' vjolenza sesswali u dik abbażi tal-ġeneru.
-